## DEĊIŻJONI TA' INAMMISSIBILITÀ TA' TALBA GĦAL INVESTIGAZZJONI

| | |
|---|---|
| **Talba:** | Sabiex ninvestiga jekk sarx ksur ta' regoli ta' etika fl-aċċettazzjoni ta'ospitalità mogħtija lill-Onor Dr Jason Azzopardi MP f'Tel Aviv fl-2017 |
| **Mingħand:** | L-Onor Dr Jason Azzopardi MP |
| **Data tat-talba:** | 8 ta' Novembru 2020 |
| **Data ta' Din id-Deċiżjoni:** | 10 ta' Novembru 2020 |

### It-Talba għal Investigazzjoni

1. Permezz ta' email tat-8 ta' Novembru 2020 (annessa u mmarkata Dokument A), l-Onor Dr Jason Azzopardi MP talabni nagħmel investigazzjoni dwaru stess *"b'relazzjoni mar-rapport tal-ILLUM tal-lum stess fejn hemm miktub fl-ewwel faċċata li jien ingħatajt kamra b'xejn f'Tel Aviv f'Lulju 2017 mit-Tumas Group dwar jekk kienx hemm xi ksur ta' xi regola ta' etika da parti tiegħi."*

2. Dr Azzopardi qalli wkoll li *"Jien qed inpoġġi lili nnifsi kompletament għad-dispożizzjoni tiegħek minn issa. Anke jekk hemm xi projbizzjoni ta' natura temporali tal-Liġi li tirregola l-Uffiċċju tiegħek, jien qiegħed nagħtik awtorizzazzjoni biex xorta waħda tagħmel din l-investigazzjoni."*

### Il-Kuntest

3. Fit-8 ta' Novembru 2020, *Illum* ippubblikat rapport li jallega li l-Onor Dr Jason Azzopardi *"b'mod regolari uża servizzi tal-lukanda Hilton b'xejn għax kellu kollox imħallas minn Tumas Group. Fost oħrajn, Azzopardi għamel ħamest*

*ijiem, bejn id-19 u l-24 ta' Marzu tal-2017, fil-lukanda Hilton ta' Tel Aviv. Azzopardi kellu l-kamra tiegħu mħallsa."*[1]

4. Inizjalment intqal fir-rapport li din iż-żjara saret f'Lulju tal-2017, mhux f'Marzu tal-istess sena, iżda jidher li sussegwentement ir-rapport ġie kkoreġut. Fil-fatt, kif indikat taħt, l-istess rapport (almenu sakemm ġie aċċessat minni) għadu wkoll jagħmel riferenza għal Lulju tal-2017.

5. Ir-rapport jagħti din ir-reazzjoni min-naħa ta' Dr Azzopardi:

> *"Nikkonferma li f'Lulju 2017 – sena u nofs qabel sar magħruf min hu s-sid ta' 17 Black – jien kellimt lil Ray Fenech (li kont naf) u staqsejtu jekk setax jghini insib Lukanda f'Tel Aviv għax kelli problema li ma stajt insib imkien u kelli tieġ hemmhekk. Biex ma ntawwalx, sabli u kien biss meta kont qed nagħmel check out li r-receptionist qaltli li it had been taken care of.*
>
> *Hekk irreaġixxa Azzopardi għal din l-istorja li kompla jgħid ukoll illi hu qal lil Fenech li ma stennihiex din pero malli wasal Malta, "xtrajtlu rigal minn ħanut tal-fidda u mort bih ir-reception tal-uffiċċju tiegħu f'Portomaso (jien qatt ma dħalt 'l hinn) u ħallejtulu fir-reception b'nota ta' ringrazzjament biex ma jkolli ebda obbligazzjoni."*

### Konsiderazzjonijiet dwar l-Ammissibilità tat-Talba

6. Din it-talba għal investigazzjoni tqajjem żewġ konsiderazzjonijiet relatati mal-ammissibilità tagħha. L-ewwel waħda hija dwar jekk għandix naċċetta talbiet għal investigazzjoni minn persuni soġġetti għall-Att dwar l-istandards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta – "l-Att") dwar imġieba tagħhom stess. It-tieni kwistjoni hija dwar jekk persuna suġġetta għall-Att tistax tirrinunzja għall-perjodi stabbiliti mil-liġi dwar meta nista' nibda investigazzjoni.

7. Dwar l-ewwel konsiderazzjoni, l-artikolu 13(1)(b) tal-Att jagħti s-setgħa lill-Kummissarju għall-Istandards *"li jinvestiga b'inizjattiva tiegħu jew fuq allegazzjoni bil-miktub ta' xi persuna xi kwistjoni allegata li tikser kull dmir statutorju jew etiku ta' kull persuna li għaliha jkun japplika dan l-Att"*.

---

[1] Ir-rapport huwa aċċessibbli minn: https://www.illum.com.mt/ahbarijiet/politika/60851/fl2017_jason_azzopardi_mar_il_hilton_ta_tel_aviv_u_allaslu_lkamra_tumas_group#.X6pUjmhKhPY.

8. L-użu tal-kelma "allegazzjoni" f'din id-dispożizzjoni donnu qed tirreferi għal talba ossija allegazzjoni li ssir minn terza persuna u mhux minn persuna suġġetta għall-Att li tagħmel talba biex tiġi investigata hi stess, għax persuna ma tistax tagħmel allegazzjoni dwarha nnifisha. Madankollu, l-istess dispożizzjoni tagħtini s-setgħa li ninvestiga każ fuq inizjattiva tiegħi stess, u għaldaqstant ma jidhirlix li inkun qed neċċedi s-setgħat mogħtija mil-liġi jekk nagħżel li nibda investigazzjoni fuq talba li ssirli għal dan il-għan, anki jekk it-talba ma tistax titqies formalment bħala allegazzjoni.

9. Għalhekk l-Att ma jidhirx li jimpedini milli naċċetta li ninvestiga aġir ta' persuna suġġetta għall-Att fil-każ li t-talba għall-investigazzjoni tiġi minn dik il-persuna stess. Biss, jiena konxju tal-perikolu li talbiet simili jistgħu isiru għal skopijiet politiċi, ta' pubbliċità personali jew ta' natura oħra, u ċertament għandi nuża kawtela kbira sabiex ma nħallix lil min jinqeda b'dan l-uffiċċju għal finijiet simili. Għalhekk dawn it-talbiet ser jiġu evalwati każ b'każ.

10. Ta' min isemmi li l-artikolu 13(1)(ċ) tal-Att joħloq il-proċedura ta' "approvazzjoni negattiva", fejn persuna suġġetta għall-Att tista' titlob deċiżjoni mingħandi dwar jekk azzjoni maħsuba minn dik il-persuna hix permessa ai termini tal-Att jew le. Iżda din il-proċedura tapplika biss għal azzjonijiet li għad iridu jittieħdu, u għaldaqstant mhix applikabbli fil-każ tat-talba preżenti.

11. Dwar jekk persuna suġġetta għall-Att tistax tirrinunzja għall-perjodi stabbiliti mil-liġi dwar meta nista' nibda investigazzjoni, il-liġi hija ċara u ma tagħti l-fakultà lil ħadd li jeżentani minn dak impost minnha. L-artikolu 14(1) tal-Att jgħid *"Ebda ħaġa f'dan l-Att ma għandha tippermetti lill-Kummissarju li jinvestiga xi allegazzjoni fuq xi att li ġara qabel id-data meta dan l-Att jibda jseħħ."*

12. Dr Azzopardi stess stqarr pubblikament li huwa ngħata rigal konsistenti f'ospitalità ġewwa l-Hilton f'Tel Aviv sena u tliet xhur qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att u mit-talba tiegħu stess jidher li kien jaf li hemm *"… projbizzjoni ta' natura temporali tal-Liġi …"* li żżommni milli nibda investigazzjoni u ghalhekk qalli *"…jien qiegħed nagħtik awtorizzazzjoni biex xorta waħda tagħmel din l-investigazzjoni."*

## Konklużjoni

13. L-offerta ta' Dr Azzopardi li jpoġġi lilu nnifsu kompletament għad-dispożizzjoni tiegħi hija superfluwa stante li hija l-liġi li tassoġġettah għall-

ġurisdizzjoni tiegħi f'każ li kelli nibda investigazzjoni, u ghalhekk id-disponibilità tiegħu mhix diskrezzjonarja jew koncessjoni.

14. Kwantu għad-dikjarazzjoni ta' Dr Azzopardi li huwa rreċiproka l-ospitalità b'rigal tal-fidda, għandi nosserva bħala prinċipju ġenerali, u dan b'ebda riflessjoni fuq il-meritu ta' dan il-każ, li jekk deputat jingħata rigal (inkluż ospitalità) u jirreċiprokah b'rigal min-naħa tiegħu, dan ma jikkanċellax ir-rigal mogħti lid-deputat u ma jeżentax lid-deputat mid-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

15. Qed nagħmel din l-osservazzjoni independentement minn jekk hux minnu jew le li Dr Azzopardi rreċiproka l-ospitalità permezz ta' rigal, u jekk ir-rigal li huwa allegatament xtara kienx ta' valur ekwivalenti u b'ebda riflessjoni fuq il-meritu ta' dan il-każ.

16. Għaldaqstant:

i. mhux eskluż li f'ċerti ċirkostanzi nista' nieħu konjizzjoni ta' talbiet ġenwini għal investigazzjoni minn persuni suġġetti għall-Att dwar aġir tagħhom stess;

ii. l-aġir suġġett tat-talba tal-Onor Azzopardi seħħ f'Marzu (jew f'Lulju) 2017, u għalhekk jien prekluż milli ninvestigah ai termini tal-artikolu 14(1) tal-Att;

iii. Persuna li kontra tiegħu isir ilment, jew persuna li jitlob hu stess li jigi investigat, m'għandux is-setgħa li jwarrab jew b'xi mod ieħor jirrinunzja għat-termini dwar meta tista' ssir investigazzjoni li huma imposti fuqi mil-liġi.

17. Din id-deċiżjoni qed tintbagħat lill-Onor Dr Azzopardi u qed titpoġġa minni fid-dominju pubbliku in vista tal-fatt li Dr Azzopardi ippubbliċizza t-talba biex ninvestiga l-aġir tiegħu stess.

**Dr George Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokument A – email tat-8 ta' Novembru mill-Onor Dr Jason Azzopardi MP**

Sur Kummissarju,

Niktiblek f'ismi.

Nitolbok tinvestigani b'relazzjoni mar-rapport tal-ILLUM tal-llum stess fejn hemm miktub fl-ewwel faccata li jien inghatajt kamra b'xejn f'Tel Aviv f'Lulju 2017 mit-Tumas Group dwar jekk kienx hemm xi ksur ta' xi regola ta' etika da parti tieghi, anke jekk huwa lampanti li jien qatt ma gejt imliggem jew imfixkel mill-qadi ta' dmiri u hadd, inkluz Tumas Group u/jew Yorgen Fenech, ma ghalaqli halqi f'xogholi.

Qed nghaddhielek ir-reazzjoni tieghi ghal din l-istorja li jien bghatt dalghodu 'l ILLUM biex itelghuha online, kif fil-fatt sar:

"*Nikkonferma li f'Lulju 2017 jien kellimt lil Mr Ray Fenech (li kont naf) u staqsejtu jekk setax jghini insib Lukanda f'Tel Aviv ghax ma stajt insib imkien u kelli tieg hemmhekk. Biex ma ntawwalx, sabli u kien biss meta kont qed naghmel check out li r-receptionist qaltli li it had been taken care of. Kienet sorpriza ghax meta kont ghamilt ic-check in kienet ittiehditli l-credit card ghad-dettalji, kif jigri dejjem. Cempiltlu jew bghattlu messagg biex nghidlu li jien din ma stennejthiex pero li appena nasal Malta kont ser nirringrazzjah. Niftakar li kif wasalt, xtrajtlu rigal minn hanut tal-fidda u mort bih ir-reception tal-ufficju tieghu f'Portomaso (jien qatt ma dhalt 'l hinn) u hallejtulu fir-reception b'nota ta' ringrazzjament biex ma jkolli ebda obbligazzjoni. Tant kemm m'ghandi ebda obbligazzjoni li nahseb huwa fatt pubbliku li fix-xoghol tieghi hadtha qatta bla habel kontra l-korruzzjoni u aghar ta' Yorgen Fenech*"

Jien qed inpoggi lili nnifsi kompletament ghad-disposizzjoni tieghek minn issa. Anke jekk hemm xi projbizzjoni ta' natura temporali tal-Ligi li tirregola l-Ufficju tieghek, jien qieghed naghtik awtorizzazzjoni biex xorta wahda taghmel din l-investigazzjoni.

Sliem

Jason Azzopardi MP